TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 50/16/GB

**Miriam Cremona**

**vs**

**Evelina V. Batey – Russian Maltese Cultural Association**

Illum 4 ta' Mejju 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Marzu, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija hamsa u sittin Ewro (€165.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal tliet (3) biljetti ghall-ispettaklu bl-isem *'Cinderella Ballet Performance'*, irreklamat li kien qed jigi pprezentat mill-*'Royal Moscow Ballet'*, pero' li fil-verita' gie rreklamat b'mod qarrieqi ghall-konsumatur.

L-intimati ma pprezentawx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attendew ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

L-ilment huwa dwar programm tal-ballet bl-isem *Tchaikovsky Ballet Gala* mill-15 sal-17 ta' Mejju 2015, u specifikament l-ispettaklu bl-isem *'Cinderella Ballet Performance'* tal-17 ta' Mejju 2015, allegatament (ghaliex fil-fatt kien reklamat b'moq qarrieqi) *"presented by the Royal Moscow Ballet"*.

Ir-rikorrenti hadet ittra hija stess bl-ilment bil-miktub taghha lill-persuni involuti f'Dar il-Mediterran fid-19 ta' Mejju 2015, u fid-19 ta' Mejju 2015 lill-intimati, fejn talbet rifuzjoni ta' mija hamsa u sittin Ewro (€165.00) ghal tliet (3) biljetti li kienet xtrat, pero' sfortunatament qatt ma rceviet risposta ghal dawn l-ittri.

Allavolja r-rikorrenti xtrat tliet (3) biljetti ghat-total ta' mija hamsa u sittin Ewro (€165.00), hija ma zammitx it-tielet biljett (ghaliex hija kienet tat tali biljett lill-mistiedna taghha), pero' hija xorta wahda qieghda titlob rifuzjoni fl-ammont totali li hija hallset.

Ir-reklamar tal-ispettaklu qarraq bir-rikorrenti ghaliex dejjem gie rreklamat li kien qed jigi pprezentat mill-*Royal Moscow Ballet*, u kien ghalhekk biss illi r-rikorrenti thajjret tattendi l-imsemmi spettaklu. Qatt ma ssemma fir-reklamar, illi kien ser ikun hemm il-partecipazzjoni ta' skejjel lokali taz-zfin.

Il-biljetti innifishom lanqas ma jsemmu l-partecipazzjoni ta' skejjel lokali taz-zfin.

Li kieku il-partecipazzjoni ta'dawn l-iskejjel lokali taz-zfin kien issemma fir-reklamar, ir-rikorrenti certament ma kienitx tixtri l-biljetti in kwistjoni u thallas il-prezz ta' hamsa u hamsin Ewro (€55.00) ghal kull biljett, prezz ekwivalenti ghal spettaklu fil-*West End* ta' Londra.

Sfortunatament, allavolja l-intimati dehrilhom li kien mehtieg hafna li jindikaw il-partecipazzjoni tal-iskejjel lokali taz-zfin fil-ktieb tal-programm taghhom, tali ktieb seta' jinxtara biss waqt l-ispettaklu, u ghalhekk il-partecipazzjoni tal-iskejjel lokali taz-zfin baqghet mohbija mill-pubbliku sa dak il-punt.

L-ispettaklu li ghalih ir-rikorrenti xtrat tliet (3) biljetti kien irreklamat b'dan il-mod:

*"The Royal Moscow Ballet, one of the most internationally respected touring ballet companies from Russia, will be making their way to Malta this weekend for two concerts which promise to provide spectacular entertainment to all those who attend! The Royal Moscow Ballet, known as the "Crown of the Russian Ballet' was founded in 1997."*

F'reklam iehor, intqal: *"The company consists around 120 dancers of the best Russian choreography school graduates... The 35 professional dancers will come to Malta in May"*.

Illi pero', l-ispettaklu kien jikkonsisti minn circa hmistax (15) jew sittax (16) iz-zeffien mir-reklamat hamsa u tletin (35), flimkien ma' studenti minn diversi skejjel taz-zfin lokali, fejn l-ispettaklu ma kienx tal-livell mistenni.

Ir-rikorrenti ma ghandha assolutament xejn kontra l-partecipazzjoni tal-iskejjel lokali taz-zfin, pero' thoss illi bhala konsumatur hija kellha kull dritt illi tkun informata b'dan il-fatt sabiex hija setghat tiehu decizjoni a bazi ta' dik l-informazzjoni rigwardanti jekk kienet ser tattendi tali spettaklu jew le.

Ir-rikorrenti baghtet ukoll ittra legali lill-intimata, pero' fir-risposta taghha hija taghmel referenza ghall-ispettaklu li nzamm fil-15 ta' Mejju 2015, meta fil-fatt l-ispettaklu li r-rikorrenti qieghda tilmenta dwaru nzamm fl-17 ta' Mejju 2015.

Huwa ghalhekk illi r-rikorrenti qieghda titlob:

(a) Rifuzjoni fl-ammont ta' mija hamsa u sittin Ewro (€165.00);
(b) Li l-intimati jew min minnhom jinzammu responsabbli ghall-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

(c) Interessi fil-massimu skond il-Ligi.

Ir-rikorrenti ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimati, debitament notifikati kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendewx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimati kien ghadhom ma baghtux risposta bil-miktub, u ghalhekk baqghu kontumaci.

Fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet il-ktieb tal-programm tal-ispettaklu in kwistjoni, li gie mmarkat bhala Dok.MC1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti ta' l-intimati lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentawx ir-risposta taghhom bil-miktub ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjaw ruhhom jidhru ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li sema' l-provi, jikkonkludi illi kien hemm nuqqas serju ta' servizz da parti ta' l-intimati, billi uzaw reklamar li kien intenzjonat li jqarraq bil-konsumatur, u ghalhekk, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jhallsu solidalment l-ammont ta' mija hamsa u sittin Ewro (€165.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza u bl-imghax b'effett mid-data tas-sentenza kontra l-intimati.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**